

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

**PROVIŻORJU
2007/2169(INI)**

5.9.2007

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-emenda proposta għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew
(2007/2169(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteurs Alain Lamassoure, Adrian Severin

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNESSE.....	6

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-emenda proposta għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (2007/2169(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2007 sabiex ilaqqqa' konferenza intergovermentali (IGC): opinjoni tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)¹,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0000/2007),
- A. billi l-Kunsill Ewropew li ltaqa' fil-21 u t-22 ta' Ġunju stieden lill-Parlament Ewropew sabiex jippreżenta sa Ottubru 2007 abbozz ta' inizjattiva dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif stabbilit fil-protokoll 34, miftiehem fil-Konferenza Intergovermentali ta' l-2004,
- B. billi d-distribuzzjoni tas-siġġijiet għal-leġiżlatura 2009-2014 hija attwalment stabbilita fl-Artikolu 9, paragrafu 2, ta' l-Att tal-25 ta' April 2005 dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u fl-aġġustamenti tat-Trattati fuq liema hija msejsa l-Unjoni Ewropea,
- C. billi t-trattat ta' riforma jipproponi li jiġi emendat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 9A ġdid), sabiex tinħoloq proċedura ġdida għad-definizzjoni tal-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, liema trattat jistabbilixxi limitu ta' 750 siġġu, b'massimu għal kull Stat Membru ta' 96 siġġu u minimu ta' 6 siġġijiet, u l-prinċipju ta' "proporzjonalità digressiva",
- D. billi l-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva mhux definit fit-Trattat u li dan il-prinċipju għandu jkun ippreċiżata b'mod ċar u oġġettiv, b'mod li jservi ta' linja gwida għar-ridistribuzzjoni tas-siġġijiet kollha tal-Parlament Ewropew,
- E. billi, kif definit, il-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva, bħala prinċipju mħaddan fil-leġiżlazzjoni primarja, se jservi ta' parametru għall-evalwazzjoni tal-konformità tad-Deċizzjoni li l-istituzzjonijiet kompetenti huma obbligati li jieħdu sabiex jistabbilixxu l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew,
- F. billi kwalunkwe vjolazzjoni tal-prinċipju tista' tkun sanzjonata mill-Qorti tal-Ġustizzja,
- G. billi fiċ-ċirkustanzi attwali, huwa importanti li jkun żgurat li l-ebda Stat Membru ma jkun obligat jaċċetta aktar tnaqqis fin-numru ta' siġġijiet bħala riżultat ta' l-aħħar tkabbir,
- H. billi f'dan l-istadju mhux xieraq li jiġi kkunsidrat l-impatt ta' aktar tkabbir minħabba li dan ma jistax jiġi evalwat minn qabel u minħabba li huwa possibbli li jiġu meqjusin il-konsegwenzi ta' l-adeżjoni permezz ta' żieda temporanja tal-limitu massimu tas-siġġijiet li huwa 750 siġġu, kif kien sar fi żmien l-aħħar tkabbir,

¹Testi Adottati ta' din id-data, P6_TA(2007)0328.

² 11177/1/07 REV 1.

1. Jixtieq bħall-Kunsill Ewropew li immedjatament jintlaħaq ftehim politiku li jippermetti l-adattament tal-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew skond il-formolazzjoni u l-ispirtu tat-trattat il-ġdid, u sabiex dan it-trattat jiġi fformalizzat immedjament wara d-dħul fis-seħħ tat-trattat il-ġdid fi żmien qabel biżżejjed l-elezzjonijiet ta' l-2009;
2. Iqis li l-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament Ewropew li tirrifletti iktar ir-realità demografika u li tirrapreżenta aħjar liċ-ċittadini Ewropej, issaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-Parlament Ewropew fil-mument meta hu għandu jwettaq ir-responsabbiltajiet il-ġodda mogħtija lilu mit-trattat il-ġdid;
3. Jiġbed l-attenzjoni li l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif stabbilita fl-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għandha tkun immodifikata fil-mument tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9A dwar it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea kif inkorporati fl-abbozz tat-trattat ta' riforma;
4. Jiġbed l-attenzjoni li dan l-Artikolu 9A jistabbilixxi qafas li jinkludi limitu massimu ġenerali ta' 750 siġġu, b'massimu ta' 96 siġġu għall-Istat li jkollu l-ikbar popolazzjoni u b'minimu ta' 6 siġġijiet għall-Istat li jkollu l-iżgħar popolazzjoni u jistabbilixxi l-prinċipju ta' rappreżentanza taċ-ċittadini Ewropej skond il-proporzjonalità digressiva, mingħajr ma jiddefinixxi dan it-terminu b'mod aktar preċiż;
5. Josserva li dan il-qafas jippermetti li jkunu kkombinati l-prinċipju ta' l-effikaċità, billi jiġi impost limitu massimu fuq in-numru ta' Membri fl-ivell li għadu kompatibbli ma' l-irwol ta' l-assemblea leġislattiva, il-prinċipju ta' pluralità, billi jkun possibbli li l-kostitwenti ewlenin ta' l-ispertu ta' l-opinjoni politika f'kull Stat Membru - partikolarment il-maġġoranza u l-oppożizzjoni - ikunu rappreżentati u l-prinċipju ta' solidarjetà, fejn l-Istati li għandhom l-ikbar popolazzjonijiet jilħqu ftehim li ma jkunux rappreżentati biżżejjed sabiex ikun possibbli li l-istati li jkollhom l-iżgħar popolazzjonijiet ikunu rappreżentati aħjar;
6. Iqis li l-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva jfisser li l-proporzjon bejn il-popolazzjoni u n-numru ta' siġġijiet ta' kull Stat Membru għandu jvarja skond il-popolazzjoni rispettiva tiegħu, b'tali mod li kull Membru Parlamentari ta' Stat Membru b'popolazzjoni kbira jirrapreżenta iktar ċittadini minn kull Membru Parlamentari ta' Stat b'popolazzjoni żgħira u bil-maqlub, iżda wkoll li kull Stat Membru li għandu popolazzjoni żgħira ma jkollux aktar siġġijiet minn Stat Membru li għandu popolazzjoni kbira;
7. Iqis li huwa xieraq li f'dan il-mument tal-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea, ma jiġi propost l-ebda tnaqqis tan-numru tas-siġġijiet allokat li għall-Istati Membri mit-Trattat ta' adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, minbarra dak it-tnaqqis introdott mill-abbozz tat-trattat ta' riforma, fuq il-kundizzjoni li jkun rispettata l-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva;
8. Iqis, fl-istess ħin li fil-kundizzjonijiet attwali, ikun xieraq li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea ma jiċċaħdux minn parti mir-rappreżentanti eletti li jistgħu jaspiraw lejhom, sempliċement minħabba kunsiderazzjoni għal adeżjonijiet futuri li la data u lanqas in-numru tagħhom ma jistgħu jiġu ġġudikati;
9. Jipproponi għalhekk li s-siġġijiet tal-Parlament Ewropew futur jinqas fuq bażi ta' 750 Membru Parlamentari, u jqis li l-adeżjonijiet futuri jistgħu jkunu akkumpanjati minn żieda temporanja ta' dan il-limitu massimu, kif sar għall-Bulgarija u r-Rumanija skond termini li bihom kien sodisfatt kulħadd, segwiti minn reviżjoni ġenerali tal-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-okkazzjoni ta' l-ewwel elezzjonijiet Ewropej wara kull tkabbir;

10. Ifakkar li n-nuqqas ta' rispettt għall-prinċipju tal-proporzjonalità digressiva definit b'dan il-mod, jista' fil-ġejjieni jkun sanzjonat mill-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-att li jiddefinixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, isir att ta' dritt derivat li jrid jirrispetta l-limiti u l-prinċipji stabbiliti fit-trattat;
11. Jitlob lill-Kunsill Ewropew sabiex jadotta, malli jidħol fis-seħħ it-trattat il-ġdid, id-Deċiżjoni li dan jirrikjedi dwar il-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament Ewropew, fuq il-bażi ta' abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew annessa mad-Deċiżjoni preżenti u fid-dawl ta' l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fir-rapport imsemmi qabel tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, b'rispett għall-proċedura attwalment prevista fl-Artikolu 9 A ta' l-abbozz tat-trattat ta' iforma; jinsisti li l-qbil politiku tal-Kunsill Ewropew ikun diġà osservat fil-forma ta' dikjarazzjoni annessa ma' l-att finali tal-konferenza intergovermentali li għaddejja bħalissa;
12. Jinsab konxju tal-fatt li l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif proposta hija applikazzjoni oġġettiva tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-trattat il-ġdid, iżda fil-ġejjieni ser jimponi sforz ta' adattazzjoni sabiex jiġu affaċċjati l-isfidi l-ġodda li ser jinqalgħu fuq medda twila ta' żmien, b'mod partikulari waqt l-adeżjonijiet futuri; iqis li, fil-kuntest ta' dan l-isforz, għandha tkun maħsuba l-korrezzjoni tan-nuqqasijiet possibbli eżistenti li huma spjegati mir-raġunijiet storiċi;
13. Jirrakkomanda li fid-dawl ta' l-applikazzjoni tat-trattat il-ġdid, u fil-perspettiva tad-dħul fis-seħħ fl-2014 ta' innovazzjonijiet istituzzjonali oħrajn imħabbra minnu, wieħed għandu jikkunsidra l-implimentazzjoni ta' sistema ta' rappreżentanza iktar ġusta u stabbli taċ-ċittadini fil-Parlament Ewropew, li tista' tevita n-negożjar politiku tradizzjonali bejn l-Istati Membri fil-mument ta' kull adeżjoni u li tistabbilixxi relazzjoni iktar mill-qrib bejn ir-realtà demografika, l-elementi marbutin mal-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva u n-numru tas-siġġijiet allokatu għal kull Stat Membru; ma jeskludix il-possibilità, meta jasal il-waqt, li tkun ikkunsidrata bidla fil-grad li fih jiġu kkunsidrati d-dimensjonijiet taċ-ċittadini u d-dimensjonijiet nazzjonali fiż-żewġ livelli ta' l-awtorità leġiżlattiva; iqis li s-sistema għandha f'kull każ tipprovd i mekkaniżmi ta' reviżjoni perijodika li jippermettu li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi demografiċi futuri;
14. Jitlob lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni u r-rapport imsemmi qabel tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tiegħu lill-konferenza intergovermentali, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

IL-KUNSILL EWROPEW,

wara li kkunsidra l-Artikolu (9 A), paragrafu 2, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew,

wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ikun xieraq li d-Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu [9 A], paragrafu 2, it-tieni inċiż, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tkun adottata mill-iktar fis possibbli, sabiex tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu d-dispożizzjonijiet interni meħtieġa għall-organizzazzjoni ta' l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal-leġiżlatura 2009-2014.

(2) Din id-Deċiżjoni għandha tirrispetta l-kriterji definiti fil-paragrafu 2, l-ewwel inċiż ta' l-istess Artikolu rigward numru totali ta' rappreżentanti taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea li ma jaqbiżx 750 Membru, liema rappreżentanza għandha tkun żgurata permezz ta' sistema proporzjonali digressiva, b'numru minimu ta' 6 siġġijiet għal kull Stat Membru filwaqt li l-ebda Stat Membru ma jista' jkun allokat iktar minn 96 siġġu.

(3) F'dan l-istadju huwa mixtieq li ma jiġix ikkunsidrat l-impatt ta' tkabbir futur possibbli, li fl-Atti ta' adeżjoni korrispondenti, jista' jirriżulta f'żieda temporanja mal-limitu massimu ta' 750 Membru Parlamentari, li kienet il-proċedura adottata fi żmien l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

In-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru huwa stabbilit kif ġej, b'effett mill-bidu tal-leġiżlatura 2009-2014:

Il-Belġju	22
IL-Bulgarija	18
Ir-Repubblika Ċeka	22
Id-Danimarka	13
Il-Ġermanja	96
L-Estonja	6
Il-Greċja	22
Spanja	54
Franza	74

L-Irlanda	12
L-Italja	72
Ċipru	6
Il-Latvja	9
Il-Litwanja	12
Il-Lussemburgu	6
L-Ungerija	22
Malta	6
L-Olanda	26
L-Awstrija	19
Il-Polonja	51
IL-Portugal	22
IR-Rumanija	33
Is-Slovenja	8
Is-Slovakja	13
Il-Finlandja	13
L-Iżvezja	20
Ir-Renju Unit	73

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni se tkun riveduta fi żmien qabel biżżejjed il-bidu tal-leġislatura 2014-2019 bil-għan li tkun stabbilita sistema li fil-futur tippermetti li qabel kull elezzjoni ġdida tal-Parlament Ewropew, jiġu allokat i mill-ġdid b'mod oġġettiv is-siġġijiet bejn l-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni għaż-żieda eventwali tan-numru ta' Stati Membri u l-iżvilupp demografiku tal-popolazzjoni tagħhom fit-30 ta' Ġunju tas-sena preċedenti skond dejtabejżis ta' l-Uffiċju ta' l-Istatistika ta' l-Unjoni Ewropea (l-Eurostat).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*